MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 51/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Elton John Formosa u**
**Adriana Casha**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Elton John Formosa detentur tal-karta tal-identita` numru 142875(M); u l-imsemmija Adriana Casha detentrici tal-karta tal-identita` numru 122581(M).

Akkuzati talli fit-30 ta' Dicembru 2009, ghall-habta ta' bejn 15:30hrs u 15:50hrs gewwa Triq tal-Labour, Zabbar:
Ikkommettew serq ta' basket, dokumenti u 200 Ewro minn gewwa l-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni

KBC345, proprjeta` ta' Marianne Wellman liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-ammissjoni tal-imputati, fejn ikkonfermaw tali ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom;

Rat il-fedina penali tal-imputati li ghalkemm dik ta' Elton John Formosa m'hijiex netta izda tirrisali ghas-sena 1997 u kienet tirrigwardja fuq reati kontravenzjonali u dik tal-imputata Adriana Casha hija wahda netta.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li l-Artikoli indikati, qeghda ssib lill-impuati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qeghda tpoggi lill-imputata Adriana Casha fuq *probation order* ta' sena (1) u lill-impuat l-iehor Elton John Formosa fuq probation order ta' sentejn (2).

Inoltre, tordna li kopja ta' din is-sentenza annessa mal-probation order ghandha tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------